MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2007

Numru. 518/2007

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Mario Bonello)**

**vs**
**Angelina sive Angela Schembri mart Francis u bint Vincent Saliba u Maria  Antonia nee' Dimech, imwielda fit-28 ta' Gunju, 1965 u residenti Ir-Redentur, Triq Mattia Preti, Rabat, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita' numru 23165(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Angelina sive Angela Schembri li giet akkuzata talli nhar it-2 ta' Gunju, 2007 ghal habta tal-11:00a.m. fir-Rabat, Ghawdex minkejja li kienet ordnata mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni tal-Familja

b'digriet 12/2007 (PC) moghti mill-Magistrat Dr. P. Coppini LL.D. nhar it-02/03/2007 sabiex taghti access ta' binha minuri Josmael li qieghed taht il-kustodja taghha lil zewgha Francis Schembri irrifjutat li taghmel hekk minghajr raguni xierqa (Art 338 11 Kap 9);

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni;,

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi:

Rat l-Artikoli indikati u cioe' l-Artikolu 338 11 Kap 9

Ikkunsidrat;

Mill-provi jirrizulta illi l-imputata ma hijiex qeghda ccahhad lill-missier mill-access ghal ibnu, izda jidher illi minhabba relazzjonijiet hziena li llum jezistu bejn il-missier u t-tifel, it-tifel kien qed jirrifjuta li jmur ghall-access peress illi allega li missieru keccieh;

Ma ssibiex hatja u tilliberaha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------